ASSET RECOVERY BUREAU
Malta

# POST TA' UFFIĊJAL BUREAU II (RIĊERKA U ĠESTJONI TAD-*DATA*) FL-UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TA' L-ASSI.

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu ukoll il-femminil.

1. Id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Irkupru ta' l-Assi jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' **Uffiċjal Bureau II (Riċerka u Ġestjoni tad-*Data*)** fi ħdan l-Uffiċċju għall-Irkupru ta' l-Assi.

**2. Termini u Kundizzjonijiet**

2.1. Il-persuna magħżula tidħol fuq bażi indefinita bħala Ufficjal Bureau II (Riċerka u Ġestjoni tad-*Data*) fl-Uffiċċju għall-Irkupru ta' l-Assi.

2.2. Din il-ħatra hija suġġett għal perjodu ta' prova ta' tnax (12) il-xahar.

2.3 Is-Salarju ta' Uffiċjal Bureau II (Riċerka u Ġestjoni tad-Data) fuq bażi 'full time' fl-Uffiċċju għall-Irkupru ta' l-Assi huwa ekwivalenti għal massimu ta' Grad 5, li bħalissa hu €21, 935 (wieħed u għoxrin elf, disa mija u ħamsa u tletin euro) fis-sena sa massimu ta' €24,617.00 (erba u għoxrin elf, sitt mija u sbatax euro) b'żieda annwali ta' €672 (sitt mija u tnejn u sebgħin euro) u inkrement ta €447 (Erba mija u sebgħa u erbgħin euro)

2.4 L-Uffiċjal Bureau II (Riċerka u Ġestjoni tad-Data) huwa mistenni li jaħdem fuq bażi ta' 40 siegħa. Jekk u meta jiġi mgħarraf mid-Direttur ARB, għandha tapplika rata tas-sahra ta' darba u nofs ir-rata bażika ta' kull siegħa.

2.5 Il-persuna maħtura għandha tiżgura li qed topera skont il-Kodiċi tal-Etika hekk stipulat f'kapitlu 595 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, u li ma' twettaq l-ebda tip ta' xogħol barra mill-impjieg tagħha li jista' jmur kontra l-interessi tal-Uffiċċju għall-Irkupru ta' l-Assi u/jew li jista' jwassal għal kunflitt ta' interess jew tfixkil fil-qadi tad-dmirijiet uffiċċjali tagħha mal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi. Xogħol privat għandu dejjem ikun bil-permess tad-Direttur.

**3. Dmirijiet u Responsabiltajiet**

3.1 L-Ufficjal Bureau II (Riċerka u Ġestjoni tad-Data) jirraporta lid-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Irkupru ta' l-Assi jew lil kull persuna oħra li d-Direttur jistgħa jiddelega bil-għan li jitqassmu d-dmirijiet u r-responsabilitajiet, hekk kif japplikaw minn żmien għal żmien.

Il-kandidat magħżul, waqt li jkun mistenni li jżomm l-integrita' u l-kunfidenzjalita' tal-aspetti kollha tax-xogħol tal-Ufficcju għall-Irkupru tal-Assi, ikun mistenni li jipprovdi servizzi effiċjenti u professjonali u li jipparteċipa bis-sħiħ fid-diversi dmirijiet li huma mwettqa mill-Bureau, inkluż iżda mhux limitat għal:

I. Tipparteċipa f'inspezzjonijiet u dmirijiet barra mill-post tax-xogħol hekk kif mitlub mid-Direttur ARB.

II. Tassisti fil-kumpilazzjoni ta' inventarji ta' assi, b'mod parikolari fit-talbiet għal informazzjoni, ġbir ta' *data* u analażi ta' sejbiet ewlenin għal aktar proċessar.

III. Tassisti fil-koordinazzjoni u l-abbozzar ta' dokumenti tal-*policies*, strateġiji u rapporti, inkluż ir-Rapport Annwali ta' l-ARB.

IV. Twettiq ta' analżi fuq proċeduri biex jiġi vverifikat jekk ir-riżultati humiex konsistenti mal-għanjiet stabbiliti u jekk il-*policies* humiex qed jitwettqu kif ippjanat.

V. Tħejjija u sottomissjoni ta' statisitika preċiża u f'waqtha taħt id-direzzjoni tal-Maniger (Ricerka u Gestjoni tad-*Data*)

VI. Responsabbli għaż-żamm ta' sistema effettiva għall-ġestjoni tad-*data*, inklużi sistemi ta' l-informatika u applikazzjonijiet teknoloġiċi, bħal *excel*.

VII. Għajnuna fil-ħin, bit-tħejjija ta' tweġibiet u talbiet għall-għajnuna mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u mill-awtoritajiet kompetenti barranin, bħall-Uffiċji tal-Irkupru tal-Assi stabiliti barra mill-pajjiż u l-Europol;

VIII. Tassisti fuq affarijiet relatati mal-protezzjoni tad-*data* u t-trattamenti tal-kwistjonijiet kollha relatati mar-regolamenti ġenerali dwar il-protezzjoni tad-*data*.

IX. Tipparteċipa f'taħriġ u laqgħat inklużi konferenzi, organizzati kemm lokalment jew barra mill-pajjiż.

X. Twettaq dmirijiet oħra hekk kif determinat mid-Direttur ARB.

**4. Eliġibbilta', Kwalifiki u Esperjenza meħtieġa**

4.1 Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

a) Ċittadini ta’ Malta;

jew

b) Ċittadini ta’ Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li huma intitolati għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ xogħol bis-saħħa tal-leġislazzjoni ta' l-UE u disposizzjonijiet ta’ trattati li jittrattaw il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

jew

c) Ċittadini ta’ kwalunkwe pajjiż ieħor li huma intitolati għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet relatati ma' l-impjieg bis-saħħa ta’ l-applikazzjoni għal dak il-pajjiż tal-leġislazzjoni ta' l-UE u dispożizzjonijiet ta’ trattati li jittrattaw il-moviment liberu tal-ħaddiema;

jew

d) Kull persuna oħra li hija intitolata għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet relatati mal-impjieg skont il-liġi jew il-leġislazzjonijiet u dispożizzjonijiet tal-UE msemmija hawn fuq, minħabba r-relazzjoni familjari tagħhom ma’ persuni msemmija fil-paragrafu ( a), (b) jew (c);

jew

e) Ċittadini ta’ pajjiżi terzi li ngħataw status ta' residenti għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta’ Residenti għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)" jew li ngħataw permess ta’ residenza skont ir-regolament 18 (3 ) tagħha, flimkien ma’ membri tal-familja ta' ċittadini ta’ pajjiżi terzi bħal dawn li ngħataw permess ta' residenza skond ir- “Regolamenti ta' riunifikazzjoni tal-Familja, 2007”.

Il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Expatriates għandu jitfittex kif meħtieġ fl- interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet t’ hawn fuq.

Il-ħatra ta’ kandidati msemmija f' (b), (c), (d) u (e) hawn fuq tkun teħtieġ il-ħruġ ta’ liċenzja ta' impjieg sakemm dan ikun meħtieġ mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u

l-leġislazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni tal-Impjiegi u t-taħriġ għandha tiġi kkonsultata kif meħtieġ fuq din il-kwistjoni.

4.2 Kapaċi tikkomunika bil-lingwa Maltija u Ingliża

4.3 Fil-pussess ta'

a) Kwalifika rikonoxxuta fil-Livell MQF 6 fix-Xjenzi Soċjali.

jew

b) Kwalifika fil-Livell MQF 5 fix-Xjenzi Soċjali u mill-inqas 3 snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

4.4 Persuni eliġibbli iridu jkunu ta' karattru morali tajjeb u jipproduċi Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar tard minn xahar (1) mid-data tal-applikazzjoni.

L-Uffiċju għall-Irkupru ta' l-Assi jirriserva d-dritt li jħassar riżultat tal-proċess ta' l-għażla jekk f'kull ħin jirriżulta li l-kandidat ta' suċċess għandu/ha rekord kriminali mhux aċċettabli jew li kien hemm tkeċċieha minn entita Pubblika jew mill-prattika fil-Qrati tal-Ġustizzja.

**5. Hiliet u Abbiltajiet**

- Flessibilita u adattabilita fix-xogħol.
- Ġestjoni tal-ħin u organizazzjoni;
- Kitba, verbali u analitiċi;
- Komunikazzjoni tajba
- Użu tat-teknoloġija ta' l-informatika u l-ġestjoni tad-*data*;
- Abilita' li taħdem indipendenti, kif ukoll ġo tim;
- Livell għoli ta' motivazzjoni personali u abbilta li tfassal għanijiet u jintlaħqu;
- Abilita' li taħdem taħt pressjoni ta' xogħol.

**6. Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni meħtieġa**

6.1 Il-kwalifiki u/jew l-esperjenza mitluba għandhom ikunu sostnuti minn ċertifikati u/jew testimonjanzi, li kopji tagħhom għandhom jiġu mehmuża mal-applikazzjoni. Ċertifikati ta' Diploma/Grad/Post-Gradwati jew kwalifiki komparabbli għandhom ikunu akkumpanjati minn traskrizzjoni bl-Ingliż (Diploma/Suppliment taċ-Certifikat), li turi Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali. Kopji taċ-ċertifikati mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

6.2 Ċertifikati oriġinali u/jew testimonjanzi għandhom ikunu prodotti invarjabbilment għall- verifika fl-intervista.

6.3 L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu għall-attenzjoni tad-Direttur, Asset Recovery Bureau, permezz tal-indirizz elettroniku: arbmalta@gov.mt

6.4 L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu curriculum vitae li għandu jinkludi lista ta' kwalifiki miżmuma mill-applikant u Ċertifikat ta' Kondotta tal-Pulizija.

6.5 Id-data tal-għeluq tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjonijiet hija f'nofsinhar (CET) tal-Ġimgħa 14 ta' Frar, 2020.

Kopja tad-Deskrizzjoni tax-Xogħol tista' titniżżel billi tara t-Taqsima tal-Postijiet Vakanti fuq is-Sit Elettroniku ta' l- ARB li tista' tiġi aċċessata fuq: **arb.gov.mt**